MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 474/2003

**Desmond Mizzi ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Vittorio Cutinelli.**

**vs.**

**David Paris u Flavia Zammit.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta’ Mejju 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur *nomine* huwa kreditur tal-konvenuti fl-ekwivalenti f’liri Maltin tas-somma ta' ghoxrin elf sitt mija u sebghin dollaru Amerikan (US$20,670) rapprezentanti l-bilanc tal-

prezz ta' zwiemel tal-*polo* mibjugha u debitament ikkonsenjati lilhom; u

Illi l-konvenuti offrew hlas permezz ta' *cheques* mahruga fuq ir-Republic National Bank of New York, datati 17 ta' Settembru 2001, kopji annessi Dok. “A”, “B”, “C” u “D”, li ma gewx onorati mill-bank; u

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u esigibbli, u fil-fehma tal-attur, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jopponi kontra t-talbiet attrici;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-**artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12)**;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *noe* l-ekwivalenti f’liri Maltin tas-somma ta' ghoxrin elf sitt mija u sebghin dollaru amerikan (US$20,670) dovuta lill-attur kif fuq espost.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug kontestwalment ma' din ic-citazzjoni.

Bl-imghax kummercjali mis-17 ta' Settembru, 2001.

Il-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokument esebit a fol. 3 - 4 u tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef

Noel Cuschieri fejn Dr. Mathew Brincat ghall-konvenuti spejga li l-konvenuti m'ghandhomx jghatu l-ammont indikat stante li dan gja thallas mill-konvenuti, u ghalhekk il-Qorti hasset li l-konvenuti ppruvaw prima facie li ghandhom eccezzjonijiet validi x'jaghtu u ghalhekk cahdet l-ewwel talba attrici u awtorizzat lill-konvenuti jirrprezzentaw nota ta' eccezzjonijieut fi zmien 20 gurnata (fol. 9).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 6 ta' Ottubru 2003 a fol 12 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi preliminarjament, il-proceduri fil-konfront tal-eccipjenti Flavia Zammit huma irriti u nulli *stante* illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-istess eccipjenti msemmija u l-attur *noe*, u kwindi l-eccipjenti Flavia Zammit ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-ammonti mitluba m'humiex dovuti *stante* illi l-principal tal-attur ma kkonsenjax iz-zwiemel illi kienu gew mibjugha lill-eccipjenti David Paris, kif allegat mill-attur *noe*, u anzi, effettivament, l-imsemmi principal tal-attur ittrasferixxa l-istess zwiemel lil terzi, u dan kif jista' jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi *inoltre*, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-principal tal-attur naqas milli jhallas diversi spejjez relatati mat-trasport, importazzjoni u konsenja taz-zwiemel mertu tal-bejgh in kwistjoni, kif ukoll ammont ulterjuri ta' spejjez inkorsi mill-eccipjenti David Paris, meta kien hemm obbligazzjoni cara illi tali spejjez kellu jaghmel tajjeb ghalihom il-principal tal-attur, kif jista' jigi ppruvat waqt dawn il-proceduri, u liema spejjez jiffurmaw il-mertu ta' kontro-talba prezenzjalment imressqa mill-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 13 - 15 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol 15 sa fol 41 tal-process.

Rat il-**kontro-talba ta' David Paris u Flavia Zammit** a fol. 18 tal-process.

Illi l-konvenut rikonvenjenti David Paris kien ftiehem mal-principal tal-attur rikonvenut dwar bejgh ta' diversi zwiemel, u dan versu l-prezz pattwit bejn l-istess partijiet, liema prezz kien jinkludi u jkopri l-ispejjez kollha relatati mat-trasport, dokumenti relattivi ghall-esportazzjoni u importazzjoni, u kull spiza involuta sabiex l-istess zwiemel jaslu u jigu kkonsenjati Malta, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-principal tal-attur rikonvenut talab lill-konvenut rikonvenjenti David Paris sabiex javvanzalu pagamenti relattivi ghad-dokumenti ghall-esportazzjoni u trasport bl-intiza cara illi tali ammont kellu jigi rimborsat lill-istess konvenut rikonvenjenti, skont ma jidher mid-dokument li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. “D”;

Illi ammonti avanzati indebitament da parti ta' David Paris in kwantu hlas ta' trasport u spejjez ancillarji u in kwantu pagamenti f'cekkijiet bankarji mhallsa indebitament min Flavia Zammit ghandhom jigu rimborsati lill-konvenuti rikonvenjenti;

Illi *inoltre*, l-principal tal-attur rikonvenut naqas milli jipprovdi t-trasport minn Ruma sal-port ghall-esportazzjoni, il-konvenut rikonvenjenti David Paris kien kostrett illi, a spejjez tieghu, jaghmel l-arrangamenti ghall-garr ta' whud miz-zwiemel, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ulterjorment, il-konvenut rikonvenjenti David Paris, fuq stedina tal-principal tal-attur, kien ippartecipa f'*torneo* tal-Polo gewwa Ruma, u b'hekk inkorra spejjez inkluz il-hlas ghall-partecipazzjoni u ghall-akkomodazzjoni ghall-granet illi fih kien ser isir it-*torneo* msemmi, liema ammont gie avvanzat mill-esponenti lill-principal tal-attur rikonvenut;

Illi sussegwentement irrizulta lill-konvenut rikonvenjenti David Paris illi di fatti, il-principal tal-attur rikonvenut kien naqas milli jirregistra lill-istess konvenut rikonvenjenti David Paris ghat-*torneo* in kwistjoni, u naqas ukoll milli jaghmel l-arrangamenti tal-akkomodazzjoni kif pattwit, b'dan illi l-istess konvenut rikonvenjenti David Paris kellu jirrikorri ghall-akkomodazzjoni f'lukanda alternattiva a spejjez ulterjuri tieghu, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi skont dokumenti mmarkati Dokument “E” u Dokument “F” fl-ammonti ta' elf mitejn u hamsa u tletin lira maltin u centezmu (Lm1,253.01) u elf hames mija u disgha u erbghin lira maltin (Lm1,549.00) in kwantu dawn jirrapresentaw hlasijiet ta' Dwana u hlasijiet ta' trasport rispettivament.

Illi l-konvenut rikonvenjenti hallas s-somma ta' elf u mtejn Dollaru Amerikan ($1,200.00) fi flus kontanti mhallsa fil-presenza ta' Saviour Darmanin u Mark Darmanin lill-attur rikonvenut li kellhom jkopru l-ispejjez ghat-trasport taz-zwiemel.

Tghid is-socjeta` attrici rikonvenuta ghaliex din l-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddikjara lill-attur rikonvenut responsabbli ghall-ispejjes kollha inkorsi u mhallsa indebitament in kwantu (a) l-ammont ta' elf mitejn u hamsa u tletin Liri Maltin u centezmu (Lm1,253.01) u elf hames mija u disgha u erbghin Liri Maltin (Lm1,549.00) u sitta u disghin Lira Maltin u hames centezmi (Lm96.05) in kwantu trasport u dokumenti tal-importazzjoni, (b) l-ammont ta' elf mitejn u hmistax-il ewros (€1,215) u elf seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro (€1721) kif ukoll eba’ mija u hdax punt sebgha u tmenin ewro (€411.87) in kwantu ammont mhallas bhala akkomodazjoni illi kienet a kariku tal-attur rikonvenut, (c) l-ammont ta' $12,000.00 (tnax-il elf Dollaru Amerikan) imhallsa indebitament ghall-partecipazjoni f'Torneo illi fih l-konvenut rikonvenjenti ma thallix jippartecipa, kif ukoll l-ammont ta' tmin mija u tmenin

($880) u elf u mitejn ($1,200 ) Dollari Amerikana mhallsa indebitament kif ukoll l-ammont ta’ Lm230 rappresentanti billjetti tal-ajru mhallsa mill-konvenut rikonvenjenti.

2. Tordna lill-attur rikonvenjenti jhallas u jirrimborsa l-imsemmija ammonti lill-konvenut rikonvenjenti.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-attur rikonvenut li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tal-attur rikonvenjenti David Paris a fol 20 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut datata 20 ta’ Ottubru 2003 a fol. 43 tal-process fejn ecceppixxa: -

1. L-allegazzjonijiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Id-domandi attrici huma konfuzi, u jikkoncernaw in parti terzi, li m’ghandhom xejn x’jaqsmu mal-vendita` ta’ zwiemel.

3. Kwantu ghall-allegati hlasijiet ta’ indebiti, dawn huma in parti preskritti bis-sahha tal-**artikolu 1027 tal-Kodici Civili.**

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tal-attur rikonvenut Desmond Mizzi *nomine*, a fol 44 sa 49 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-11 ta’ Gunju 2003 sas-seduta tal-15 ta’ Novwembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-affidavits tal-konvenuti u provi *viva voce*.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-ewwel (1) ta’ Frar 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u sabiex izzomm zewg seduti fil-mori tad-differiment ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi jekk ikun il-kaz, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u wara l-istess seduti l-provi tal-partijiet gew iddikjarati maghluqa.

Rat il-verbal is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta fit-30 ta’ Ottubru 2008 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta ghall-kontro-ezamijiet ta’ David Paris u wara l-istess seduta l-provi gew iddikjarati maghluqa.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta tat-22 ta’ April 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michael Psaila ghall-attur u Dr. Matthew Brincat ghall-konvenuti fejn id-difensuri tal-partijiet talbu jaghmlu n-noti ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-atturi ghan-nota taghhom bin-notifika/visto tad-difensuri tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata ghan-nota tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2010.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Desmond Mizzi *nomine* datata 3 ta’ Gunju 2010 a fol. 167 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ David Paris et datata 2 ta’ Lulju 2010 a fol. 178 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur Desmond Mizzi ghan-nom tal-assenti Vittorio Cuttinelli qed jitlob il-hlas tas-somma ta' US$ 20,670 rappresentanti prezz ta' zwiemel tal-polo mibjguha u kkonsenjati lill-konvenuti.

Illi ghal dan il-konvenuti eccepew li fl-ewwel lok il-konvenuta Flavia Zammit ma kienitx parti f'dan il-bejgh u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; li l-ammonti mhux dovuti ghaliex iz-zwiemel ma gewx ikkonsenjati lill-konvenut; u l-attur Cuttinelli (l-attur) naqas milli jhallas spejjez relatati mat-trasport, importazzjoni u konsenja taz-zwiemel, kif ukoll spejjez ohra, li kellu jaghmel tajjeb ghalihom huwa u fil-fatt giet prezentata kontro-talba f'dan is-sens.

Illi fir-rikonvenzjoni tal-konvenuti qed jitlob li huwa jigi mhallas mill-attur assenti l-ammonti indikati bhala (a) fl-ewwel talba attrici konsistenti fis-somma ta' Lm1,253.01; Lm1,549, u Lm96,05 rispettivament rappresentanti spejjez ta' trasport u dokumentazzjoni relattivi sabiex iz-zwiemel ingabu Malta; (b) l-ammonti rispettivi ta' €1,215, 1,721 u €411.87 ghall-akkomadazzjoni tal-konvenuti ghat-tournament ta' Polo gewwa Ruma li kellu jhallsielhom l-attur; u (c) l-ammont ta' US$ 12,000 rappresentanti ammont imhallas indebitament mill-konvenut ghall-partecipazzjoni fl-istess Torneo li ghalih il-konvenut ma thallix jippartecipa, inkluz l-ammont ta' €800 mhallsa indebitament u l-ammont ta' Lm230 ghall-prezz tal-ajru relattiv.

Illi ghal din il-kontro-talba l-attur assenti eccepixxa li l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-

dritt, apparti li l-istess talbiet huma konfuzi, u jikkoncernaw lil terzi u ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-bejgh ta' zwiemel; u kwantu ghall-hlasijiet ta' indebiti dawn huma preskritti skond l-**artikolu 1027 tal-Kap. 16.**

Illi fil-fatt l-azzjoni attrici titratta dwar bejgh ta' 4 zwiemel bl-isem Lisa, Diana, Michaela, u Scania mill-attur assenti lill-konvenuti, u l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenuta ma kinetx involuta f'tali bejgh. Fil-fatt din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti dan in-negozju sar bejn l-attur u l-konvenut Mark Paris u mhux mal-konvenuta; il-fatt li l-konvenuta harget chekkijiet mill-kont taghha (Dok. “A” sa “D”), liema cekkijiet ma thallsux, ma jfissirx li hija kienet parti f'dan in-negozju, izda biss li sar pagament ta' terz ghan-nom tal-konvenut. Dan ma jbiddel xejn mir-relazzjoni li kienet tezisti bejn l-attur assenti u l-konvenut kif jidher li din tinsab kristallizzata kemm mix-xhieda prodotta nkluza dik ta' Mark Darmanin (affidavit tieghu datat 25 ta' Mejju 2006 (fol. 103) u kemm mid-Dok. “B” (fol. 25) u Dok. “MP 3” (fol. 64) tal-process u wkoll mix-xhieda ta' Flavia Zammit stess (affidavit 17 ta' Frar 2006 – fol. 99) li tghid b'mod mill-aktar skjet li z-zwiemel gew mixtrija mill-konvenut u allura f'dan is-sens din il-Qorti tillibera l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuta Flavia Zammit mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar in-negozju li sar bejn l-istess attur assenti u l-konvenut jirrizulta li dan kien jirrigwarda l-bejgh tal-imsemmija zwiemel bil-prezzijiet kif indikati f'Dok. “MP 3”, li l-konvenut qabel dwarhom kif jirrizulta mill-kontro-ezami tieghu datat 31 ta' Mejju 2006 (fol. 110) u 16 ta' Marzu 2010 (fol. 157). F'dan il-mument tal-ftehim l-bejgh kien perfezzjonat ghaliex kien hemm qbil dwar l-oggett u l-prezz u dan skont kif indikat fl-**artikolu 1347 tal-Kap. 16 (“Mario Testa vs Alfred Theuma et”** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003). Ma hemm l-ebda dubju li l-istess 4 zwiemel mertu tal-kawza odjern (Diana, Michaela, Lisa u Escania) gew ikkonsenjati lill-konvenut, kif huwa stess ammetta fir-riezami tieghu tas-16 ta' Marzy 2010 (fol. 158) u allura kull vantazzjoni li saret mill-konvenut li xi zwiemel ma gewx ikkonsenjati huwa ghal kollox bla ebda bazi. Jirrizulta wkoll li fl-ebda mument l-istess konvenut ma rrifjuta l-

konsenja tal-istess u ghalhekk l-istess konvenut ippregudika rrimedjabilment il-posizzjoni tieghu ghaliex il-fatt li l-istess konvenut accetta l-oggett u uzah poggih fl-impossibilita' li jikkonsenja lura l-oggett (**"Paul Galea proprio et nomine vs Carmel Galea"** (A.I.C (PS) – 31 ta' Jannar 2003; "**John Mary Dalli *nomine* -vs- Grezzju Patiniott**", A.C. - 19 ta' Mejju 2000) u ghalhekk kull pretensjoni li saret mill-konvenut dwar zwiemel ohra ma hijiex mertu ta' din il-kawza u tali eccezzjoni f'dan is-sens qed tigi rigettata. Barra minn hekk it-terminu li kellha ssir l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 1390 tal-Kap. 16** skada wkoll.

Illi dwar kif sar il-bejgh tal-istess zwiemel jirrizulta li l-istess bejgh sar bil-kondizzjoni ta' *"Merce Resa Franca Porto Salerno"* (Dok. "A" – fol. 24) u allura jidher ippruvat li l-ispejjez li kellu jhallas l-attur assenti kien dawk sabiex l-istess zwiemel jittiehdu ghal Salerno; minn hemm il-quddiem l-ispejjez kienu ghall-konvenut Mark Paris, u dan jidher ikkonfermat mix-xhieda tal-istess attur assenti u wkoll dik vitali ta' Mark Darmanin (fol. 103) li sostna li *"Ahna hadna z-zwiemel minn Roma Polo Club sa Salerno u dan il-parti tal-vjagg kellu jhallsu Vittorio. Minn Salerno ghabbejnihom gewwa truck ta' David Paris u nizzilhom Malta…".* Illi jirrizulta li allura l-konvenut ha pussess taz-zwiemel mertu tal-kawza odjerna u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda, fil-waqt li qed tigi michuda wkoll l-ewwel talba fil-kontro-talba tal-konvenuti f'dawk l-ammont li huma ndikati bl-ittra (a) ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt (u dan apparti li ghall-grazzja tal-argument lanqas prova tal-pagamenti tal-istess ma saret (ara dak li inghad fl-ewwel paragrafu a fol. 174 tal-process – nota ta' osservazzjonijiet attrici).

Illi dwar l-ispejjez in konnessjoni mal-akkomodazzjoni gewwa lukanda f'Ruma ghat-*tournament* fil-Polo Gold Cup, din il-Qorti thoss li anke hawn l-allegazzjonijiet tal-konvenuti ma gewx ippruvati u dan fuq kollox ghaliex jirrizulta mill-invit ghall-istess esebit bhala Dok. "MP 8" li l-istess stedina fl-ewwel lok saret minn Roma Polo Club u mhux mill-attur assenti u wkoll l-akkomodazzjoni f'hotel kienet limitata biss ghall-plejers f'tim li kienu ser jiehdu sehem fit-*tournament* u fil-fatt fl-istess invit jinghad

senjatement li l-beneficcji offruti kienu *inter alia "Free hotel accommodation only for the players (if they are accompaniex they will have to pay for any extra charge).* Jirrizulta wkoll li l-konferma tal-partecipazzjoni kellha ssir lil diversi persuni u l-invit inhareg minn Salvatore Giardina, President tar-Roma Polo Club u huwa l-konvenut stess li fl-ittra esebita bhala Dok. "DP 2" (fol. 90) jammetti li l-istedina saret lilu direttament mir-Roma Polo Club; dan apparti l-osservazjonijiet maghmula fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet attrici (fol. 174/5) u ghalhekk fuq din il-bazi l-ewwel talba tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom indikati bl-ittri (b) qed jigu michuda ghaliex ukoll ma gietx ippruvata u hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar il-hlas ta' l-ammont ta' US$ 12,000 ghall-partecipazzjoni fil-Gold Cup f'Ruma, din il-Qorti thoss li l-konvenut ma ppruvax li l-istess ammont kellu qatt jithallas mill-attur assenti; apparti dan il-konvenut jallega li kien hallas l-istess ammont lil Cuttinelli fi flus kontanti mal-wasla tieghu Ruma u dan fil-presenza ta' Saviour u Mark Darmanin (kontro-talba – fol. 18/19) izda fl-ewwel lok fl-istess ittra Dok. "DP2" ma jissemma xejn dwar dan; fit-tieni lok prova ta' dan il-pagament lanqas biss saret; fit-tielet lok Mark Darmanin (fol. 103) fix-xhieda tieghu bl-ebda mod ma jsemmi u wisq inqas jikkonferma dan il-pagament u ghalhekk din il-parti tal-kontro-talba tal-konvenuti wkoll qed tigi michuda; dwar il-pagamenti ta' US$ 800 u US$ 1,200 ma hemm ebda bazi u lanqas prova dwar l-istess u kwantu ghall-ahhar ammont imsemmi fil-paragrafu (c) tal-kontro-talba tal-konvenuti rigwardanti l-ammont ta' Lm230 ma hemm l-ebda prova li dan l-ammont kellu jithallas mill-attur assenti u ghalhekk anke din il-parti tal-kontro-talba tal-konvenuti qed tigi michuda, u allura l-ewwel u tieni talbiet tal-kontro-talba qed jigu michuda. Qed tigi michuda wkoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ghall-azzjoni attrici u konsegwentement a bazi ta' dak deciz, qed jigu milqugha, biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, l-eccezzjonijiet tal-attur assenti ghall-kontro-talba tal-konvenuti.

Illi fl-ahharnett u ghall-kompletezza jinghad li t-talbiet tal-konvenuti dwar l-allegati hlas indebitu (li fil-mertu ma jirrizultawx) huma wkoll preskritti in kwantu jirrigwardaw pagamenti li allegatament saru qabel il-5 ta’ Ottubru 2001 u dan ghaliex l-kontro-talba saret biss fis-6 ta’ Ottubru 2003 u giet notifikata fit-8 ta’ Ottubru 2003, u ghalhekk wara t-terminu preskritt fl-**artikolu 1027 tal-Kap. 16** u dan in kwantu applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi fl-ahharnett jinghad li jirrizulta li mill-ammont miftiehem bhala prezz ta’ zwiemel ta’ US$ 39,000 thallset biss is-somma ta’ US $ 17,662.80 (Dok. “C1” – “C7”, u allura baqa’ bilanc ta’ US $ 21,337.20 (affidavit attrici – fol. 56), izda t-talba attrici hija biss fl-ammont ta’ US $ 20,670 u ghalhekk it-tieni talba attrici qed tigi milqugha fil-konfront tal-konvenut Mark Paris.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuta Flavia Zammit mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess konvenuti, **tilqa’ t-tieni talba attrici f’dan is-sens fil-konfront tal-konvenut Mark Paris** b’dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenut Mark Paris ihallas lill-attur *nomine* l-ekwivalenti f’ewro bir-rata ta’ kambju ezistenti fis-17 ta’ Settembru 2001 tas-somma ta' ghoxrin elf sitt mija u sebghin dollaru amerikan (US$20,670) dovuta lill-attur kif fuq deciz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghax kummercjali mis-17 ta' Settembru, 2001 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut Mark Paris, b’dan li l-ispejjez tal-konvenuta Flavia Zammit f’dik li hija c-citazzjoni attrici ghandhom jithallsu mill-attur *nomine.*

Illi ghall-istess motivi dwar il-**kontro-talba tal-konvenuti,** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-attur *nomine* fin-nota tal-eccezzjonijiet

tieghu datata 20 ta’ Ottubru 2003, inkluz t-tielet ecccezzjoni li in kwantu ghall-allegati hlasijiet ta’ indebitu l-kontro-talba hija wkoll preskritta a bazi tal-**artikolu 1027 tal-Kap. 16, tichad it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Illi l-ispejjez tal-kontro-talba huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------